**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 107 / 2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Noel Muscat**

**Illum 26 ta' Settembru, 2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Noel Muscat** detenur tal-karta tal-identita' Maltija **53587M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Illi, wara li huwa gie akkuzat talli fit-28 ta' Frar 2021 ghal habta tal-8.50am fi Triq San Gwann t'Ghuxa Bormla soqt vettura b'numru ta registrazzjoni BBR-335 l-ewwel b'maniera perikoluza t-tieni talli saq l-imsemmija vettura b'maniera bla kont t-tielet talli soqt l-imsemmija vettura minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta u r-raba' talli soqt l-imsemmija vettura minghajr ma kont kopert b'polza tas-sigurta dwar r-riskji tat-terzi persuni u l-hames talli meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti

tat-traffiku nvolontarjament ikkagunajt offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' **Tizjana Attard** skont kif iccertifika Dr Anne Scicluna MD s-sitta meta b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku involontarjament kkagunajt offizi natura hafifa fuq il-persuna ta' Redmeer Vassallo skont kif iccertifika Dr Ryan Formosa is-seba b'nuqqas ta' hsieb u traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbat ma' vettura numru EBQ-185, u nvolontarjament kkagunajt hsarat ghad-dannu ta' Redmeer Vassallo b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-6 ta' Marzu 2023 l-imsemmija sabet lill-esponenti hati tat-tieni u t-tielet akkuzi u lliberatu mill-ohrajn u kkundannatu kwantu ghat-tieni multa ta' tlett mitt ewro (€300) u kwantu ghat-tielet multa ta' elfejn u erbgha mitt ewro (€2,400) u sena sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan.

Illi l-esponenti hassu aggravat bl-imsemmija u bil-presenti qieghed jinterponi umili appell.

Illi l-fatti n breve li taw lok ghal dawn l-proceduri kienu li l-esponenti waqt li kien qieghed jsuq minn fuq triq principali sabiex jidhol f'triq sekondarja u li ma ghandhiex karreggjata wiesgha pero kif sporga sab mutur misjuq minn Redeemer Vassallo li kien hiereg b'velocita qawwija u sehh 1-incident imsemmi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-6 ta' Marzu, 2023, fejn wara li rat Kap 65 Artikoli 15(1)(a)(2)(3) Kap 104 sec 3(1), Kap 9 Art 226(1)(c) 328(d), LS 65.18 Art 36B u fil-LS 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta iddikjarat li proceduri huma ezawriti fil-konfront tieghu fir-rigward tal-hames(5), sitt(6) u seba` (7) imputazzjoni u ma sabitux hati rigwardanti l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet u illiberatu minnhom u sabitu hati tat-tielet (3) imputazzjoni u immultatu multa ta' mitejn u hamsin ewro (€250), sabitu hati tar-raba' (4) imputazzjoni u kkundanatu multa ta` elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u seba' u tletin centezmu (€2329.37). Oltre dan naqset seba' punti mill-licenzji tieghu

kollha tas-sewqan u skwalifikatu mill-licenzji tieghu kollha tas-sewqan ghal-zmien sena (1).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Noel Muscat, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-16 ta' Marzu, 2023:

Għaldaqstant, l-esponenti, fil-waqt li jirreferi ghall- provi prodotti u dawk producibbli f'dan l-istadju kif ukoll ghas-sottomissjonijiet hawn sollevati u sollevabbli f'dan l-istadju umilment jitlob bir-ripett lil dina l-Onorabbli Qorti fir-rigward s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-6 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet premessi jghogobha fil-waqt li zzomm ferm dik l-parti tas-sentenza fejn lliberat lill-esponenti mill-ewwel, t-tieni, l-hames, is-sitta u s-seba' akkuza tilliberah mit-tielet u r-raba' akkuza, billi thassarha jew tibdilha ai termini tal- artikolu 419 tal-Kodici Kriminali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant Noel Muscat li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

1.Illi, fl-ewwel l-esponenti jissottometti li l-vettura indikata kienet assigurata fil-mument li sar l-impatt u dan kif jidher mill-polza ta' assigurazjoni hawn annessa u mmarkata document ASD1 u ghalhekk 1-esponenti ma setghax jinsab hati tat-tielet akkuza kontra tieghu.

2. L-esponenti umilment jissottometti illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet żbaljata fl-apprezzament u fl-interpretazzjoni tagħha, u dan għaliex ma jfissirx li jekk tkun

inharġet polza ta' assigurazzjoni fuq vettura, is-sewwieq ma jkunx neċessarjament kopert bl-istess. L-appellant ma jaqbilx li ġaladarba l-Qorti sabet htija *da parti* tal-appellat *in vista* tat-tieni imputazzjoni kontra tieghu, din kellha tgħaddi sabiex awtomatikament issib htija *da parti* tal-istess *in vista* tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontrieh.

3. Illi, b' kull dovut rispett dan l-argument huwa ssudat meta wiehed jqis l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan għaliex meta wieħed iqis li jekk polza ta' assigurazzjoni tkun teżisti, allura t- terz dejjem ikun protett [...] għaliex jiġri x' jiġri, tkun qed tinstaq minn min tkun qed tinstaq. il-kumpanija tal-assigurazzjoni tkun obbligata taghmel tajjeb ghad-danni li t-terz jsofri b' kawża tal-użu tal- vettura'. Ergo, l-eżistenza ta' polza ta' assigurazzjoni, hu min hu s-sewwieq tal-vettura, tissodisfa 1-prinċipju li l-appellant jaghraf, u ċioé, il-protezzjoni tal-interessi ta' terzi persuni.

4. Illi, ma dan jrid jinghad ulteriorment li kif gie issottolineat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' April, elfejn u sebgħa (2007), fl-ismijiet ***Alfred Grech V. Avukat Generali***, 'il-ħtieġa ta' assikurazzjoni għar-riskju ta' terzi persuni hija riżultat ta' fatt li sewwieq ta' vettura tal-mutur għandu f'idejh oġġett li varji drabi hu deskritt bhala "*arma*" b' possibilità ta' periklu għall- utenti l-ohra tat-triq: kwindi, tali assikurazzjoni hija meħtieġa fl-interess pubbliku'. *Ergo*, il-fatt li utenti ohra fit-triq ikunu protetti minn dik hekk deskritta bhala "*arma*", huwa l-qofol tal-materja in eżami. Liema materja torbot bi shih mal-prinċipju tal-interess pubbliku. Fil-każ in eżami, 1-interess pubbliku imkien ma kien imċekken, u dan ghaliex kwalsiasi utent kien issalvagwardjat kontra dina 1-"*arma*", tramite tal-polza ta' assigurazzjoni esebita (Dok ASD1.

5. Illi, ma dan ukoll kif deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar 1-ghaxra (10) ta' Ġunju, elfejn u hdax (2011), fl-ismijiet **Il-Pulizija V. Manwel Cassar**, nghad hekk "*peress li l-appellant ma wera ebda ċertifikat ta' assigurazzjoni, l-ineżistenza ta' polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni hi skont 1-artiklu 3(1A) tal-Kap. 104 preżunta*'. *A contrario sensu, galadarba 1-appellat in eżami ipproduċa tali ċertifikat, ir-reat in eżami ma jista*

*qatt jimmaterjalizza, u dan għaliex hija l-ineżistenza tal-imsemmi ċertifikat li tikkostitwixxi ir-reat, u certament mhux l-eżistenza tiegħu*:

6. Illi, ghalhekk galadarba kif spjegat, hija l-eżistenza ta' polza ta' assigurazzjoni li tholl u torbot il-ħtija *ai termini* tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, ikun assurd li għalkemm jirriżulta ċar li hemm polza, tiskatta l-preżunzjoni li ma hemmx polza kontenuta fl-art. 3(1A)', u dan fi kliem il-Qorti tal- Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija V. John Agius</u>**, deċiża nhar it-tlettax (13) ta' Ottubru, elfejn u għaxra (2010).

Addirittura, anke jekk l-inverżjoni tal-oneru tal-prova tirriżulta biss fil-każ li ma jkunx possibbli li tingieb prova tal-assenza tal-polza ta' assigurazzjoni, l- appellat xorta waħda refa' fuqu l-oneru tal-prova surreferit. Ergo, l-imsemmi appellat ghamel bil-wisq aktar minn dak mistenni minnu, u dan in virtu tas-sentenza aktar kmieni msemmija:

7. Illi, u in konklużjoni, l-appellat umilment jissottometti li l-Qorti tal-Maġistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ma kienetx korretta meta kkonkludiet li l-appellat għandu jinstab hati fir- rigward tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Semghet lis-sottomissjonijiet tal-partijit u dan waqt is-eduta tas-6 ta' Gunju 2023.

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

Il-Qorti tghamel referenza ghat-tieni aggravju fejn l-appellant jistqarr lil-ewwel Qorti kienet zbaljata fl-apprezzament u fl-interpretazzjoni tal-fatti.

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni

taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

**Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi** deciza fl-14 ta' Frar, 1989;

**Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace** deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;

**Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul** deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;

**Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech** deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;

**Il-Pulizija v. Carmelo Schembri** deciza fit-28 ta' April, 1995;

**Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed** deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u

**Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef** deciza fit-18 ta' Marzu, 2010; kollha appelli kriminali, u

**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella** deciza fl-14 ta' Gunju 1999.

**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina** deciza fl-24 ta' April .2003.

Illi jinghad ukoll li din il-Qorti hija Qorti ta' revisjoni xogholha hu biss li tirrevedi l-provi gja migbura u analizzata mill-ewwel Qorti u mhux li tissindika provi godda kif ittenta jghamel l-appellant meta pprezenta kopja ta' polza ta' sigurta mar-rikors tal-appell tieghu. Salvu jekk mhux bil-permess tal-Qorti l-ebda dokument jew prova gdida ma tista tigi prezentata quddiem din il-Qorti.

Illi f'dar-rigward l-**artikolu 424 tal-Kodici Kriminali** jiddisponi li :-

> *"Quddiem il-Qorti superjuri ma jistghux jingiebu xhieda godda, hlief –*
>
> *(a) Jekk jigi pruvat bil-gurament jew b'mezzi ohra li l-parti li toffri x-xhieda godda ma kienetx taf bihom, jew ma setghatx , bil-mezzi li taghti l-ligi , iggibhom quddiem il-Qorti inferjuri ;*

*(b) jekk il-prova tkun giet offerta quddiem il-qorti inferjuri, u din il-Qorti , bla ma kien imissha , cahdet din il-prova."*

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Eddie sive Edward Micallef** deciza fl-24 a' Mejju, 1995: -

"Din id-dispozizzjoni giet fil-gurisprudenza taghna nterpretata li tipprojbixxi l-produzzjoni mhux biss ta' xhieda godda izda ta' provi, cioe' anki dokumenti, godda. Dan ghar-raguni, gusta fil-fehma ta' din il-Qorti, li f' dan l-istadju ta' l-appell dak li ghandu jigi ezaminat huwa biss jekk l-ewwel gudikant iddecidiex tajjeb jew hazin fuq il-provi li kellu quddiemu (ara Kollezz. Vol.XXVII, IV. 742 u XXX. IV. 623.) "(vide ukoll f'dan ir-rigward **Il-Pulizija vs Jeremy James Frrugia** deciza nhar il-14 ta' Ottubru 2003.)

Illi f'dan il-kaz la saret il-prova li l-appellant (u mhux id-difiza kif issa komposta) ma kienx jaf bid-dokumenti in kwistjoni w lanqas li ma setghax ikun taf bihom. Jekk dawn kienu dokumenti kienu fil-pussess taghha qabel jew almenu a konoxxenza tad-dokument waqt l-andament tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti tali dokument ucio il-polza messha giet esebita f'dak l-istadju sabiex l-ewwel Qorti tiehu konjizzjoni taghha. Ma jidhirx li d-difiza fir-rikors tal-appell taghha jew f'xi stajdu ulterjuri irrikorreit ghall-fatti specji msemmija fis-subinciz (b) fuq citat. Ghalhekk din il-Qorti qed tiddikjara li ma hiex ser tiehu konjizzjoni tad-dokument li gie prezentat mill-appellant flimkien mar-rikors tieghu.

Mghadud dan kollu din il-Qorti ghandha tghaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u taghmel analizi taghhom per qabel ma tghamel dan trid tifli sew il-provi imresqa quddiem l-ewwel Qorti.

Illi **PS 2366 J Degiorgio** xehed permez ta' affidavit prezentat fl-atti a fol. 3 tal-process. Dan stqarr li nhar it-28 ta' Frar 2021 waqt li kien xoghol gewwa l-ghassa ta' Bormla ghall-habta tat-08.50 giet mitluba l-assitenza taghhom mill-kamra tal-kontroll, sabiex jirrikorru fi Triq San Gwann t'Ghuxa, Bormla minhabba l-fatt li kien sehh incident stradali fejn kien hemm sewwieq ta' mutur li kien waqa' wahdu u garrab xi griehi kif ukoll kienet giet mitluba l-ambulanza.

Huwa flimkien mal-kollega tieghu irrikorrew fuq il-post minnufih fejn sabu lil Redeemer Vassallo li kien is-sewwieq tal-mutur flimkien ma' Tiziana Attard li kienet riekba passigiera fuq l-istess mutur li dak il-hin kienu qed jigi assistiti minn *nurse* Antonella St John. Ta' min jghid li l-imsemmija ma setghux jaghtu verzjoni dak il-hin ta' x'kien gara ezatt, minhabba l-fatt li qalulu li kienu jinsabu mugughin hafna, fejn dawn gew mehuda gewwa l-isptar Mater Dei ghal aktar kura u osservazzjoni.

Ftit tal-granet wara huwa tkellem ma' Tiziana Attard gewwa l-ghassa tal-pulizja ta' Bormla fejn din stqarret li fid-data imsemmija hija kienet riekba passigiera fuq wara ta' mutur li kien qed jinsaq mas-sieheb taghha Redeemer Vassallo fejn huma u hergin minn *side street* li taghti ghal gewwa Triq San Gwann T'Ghuxa li hija triq maggura huma waqfu fuq is-sinjal *stop* li hemm fl-istess *side street* fejn hija rat lil Noel Muscat li dak il-hin kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Honda bin-numru ta' registrazzjoni BBR-335 u malli ratu gej fid-direzzjoni taghhom hija bdiet tghamillu sinjal b'idejha sabiex huwa jieqaf izda ghal xi raguni mhux mgharufa allegatament il-vettura imsemmija misjuqa minn Muscat baqghet diehla ghal gewwa s-side street, sab lilhom ma' wiccu u tghajjarhom u kagun ta' dak kollu hija u s-sieheb taghha waqghu mill-mutur u garbu xi griehi.

Huwa tkellem ukoll ma' Redeemer Vassallo fejn dan stqarr li fid-data imsemmija huwa kien qieghed flimkien mas-siehba tieghu Tiziana bil-mutur tieghu tal-ghamla Yamaha bin-numru ta' registrazzjoni EBQ 185 fejn allegatament ghadda Muscat bil-vettura tieghu tal-ghamla Honda numru ta' registrazzjoni BBR 335 u involontarjament tghajjarhom. Huwa kompla jistqar li ghamel perjodu rikoverat gewwa l-isptar Mater Dei u minhabba dan l-incident peress li garrab xi griehi tkecca mill-impieg tieghu ghax kien ser jibda impieg u kien qed jahdem bi prova. Huwa rrimarka li l-imsemmi Muscat ma kellux fil-pusess tieghu licenzja tas-sewqan. Minn stharrig li ghamel fuq is-sistema tal-pulizija rrizultalu li l-vettura li kienet qed tinsaq minn Noel Muscat kienet irregistrata fuq Paul Muscat.

Huwa pproduca zewg stimi tal-hsarat li garbet il-vettura tieghu wahda minnhom minghand GasanZammit Motors liema hsara tammonta ghal €474.23 u l-ohra maghmula mill-kumpanija li ggib l-isem V-Elec Motorcylce Electirician maghmula minn Victor Zammit liema hsara tammonta ghal €141.45 liema dokument qed jigi anness ma' dak l-affidvait.

Redeemer Vassallo gie certifikat minn Dr Ryan Formosa li kien qed isofri minn griehi ta' natura hafifa kif ukoll li Tiziana Mifsud giet iccertifikata minn Dr Nicholas Scicluna li kienet qed issofri minn griehi ta' natura hafifa, liema certifikati gew annessi ma' dak l-affidavit.

Tizina Attard u Redeemer Vassallo talbu sabiex jittiehdu passi bil-Qorti kontra Noel Muscat ta' dan kollu.

Nhar it-22 ta' April 2021 ghal habta tas-18.20 huwa tkellem ma' Noel Muscat gewwa l-ghassa ta' Bormla fejn wara li nfurmah bid-dritt legali tieghu li jikkonsulta ma' avukat tal-ghazla tieghu u tah d-dritt tas-silenzju huwa hareg 'l barra mill-istess ghassa peress li qallu li kien ser jikonsulta mal-avukat tieghu, fejn ftit tal-hin rega dahal flimkien ma' Paul Muscat li stqarr li huwa missieru. Huma stqarrew li kienu ser ikellmu l-avukat taghhom fuq dak kollu fejn dawn kellhom imorru l-ghassa aktar tard pero baqghu ma marrux hekk kif kienu mitluba. Ghalhekk inhargu l-akkuzi fil-konfront tal-appellant.

Rat ic-certifkat mediku rilaxxjat minn Dr N Scicluna fejn jirrizulta li Tiziana Attard giet medicament ezaminata nhar it-28 ta' Frar 2021 ghall-habta tal-11.00p.m fejn il-feriti li kellha kif deskritti f'dan ic-certifkat kienu ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet[1]. Dan ic-certifikat gie kkonfermat permezz ta' affidavit esebit fl-atti a fol 22 mmarkat bhala Dok RC a fol. 22 ta' l-atti. L-istess tip ta' feriti gew riskontrati fuq Redeemer Vassallo minn Dr Ryan Formosa li ezaminah fl-istess jum ghall-habta tal-11.20 p.m[2]. Rat l-istima mahruga minn Gasan Zammit Motors Limited mmarkata bhala Dok GZ a fol. 8 tal-atti fejn hemm indikat li l-hsara kienet tammonta ghal €474.23, u stima ohra mahruga minn Victor Zammit ghan nom ta' V Elec fejn kien hemm indikat l-ammont ta' €141.45.

Rat l-okkorenza esebita a fol. 10 ta' l-atti.

Rat l-affidavit rilaxxat minn **Stephen Cachia** ghan-nom u in rappresentanza ta' Transport Malta nhar it-23 ta Frar 2022 fejn l-istess Cachia kkonferma li mill-indagini

[1] Dok esebita a fol.6
[2] Dok esebita a fol. 7

li ghamel fir-records tal-Awtorita irrizulta li Noel Muscat fit-28 ta' Frar 2021 ma kellu l-ebda kategorija ta' licenzja tas-sewqan[3].

Rat x-xhieda ta' **Richard Saliba** moghtija *viva voce* il-Qorti nhar is-6 ta' marzu 2023 li qal li huwa inkarigat li johrog l-istimi ghan-nom ta' GasanZammit Motors u muri d-dokument GZ esebit fl-atti a doll 8 u kkonfermah. Jghid li huwa ma kellux la l-mudell u lanqas n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura li kien ra.

**Tiziana Attard** xehdet nhar is-6 ta' Marzu, 2023 quddiem l-ewwel Qorti[4] fejn kkonfermat li kienet irraportat l-ghassa incident awtomobilisitku li kien sehh fi Triq San Pawl, Bormla. Tghid li ma tiftakarx id-data pero tiftakar li kienet hierga minn fuq il-mutur riekba wara Redeemer Vassallo minn *side street* u rat lill-imputat illum appellant, Noel Muscat gej. Tghid li tafu ghaliex huwa l-kugin tal-gharus taghha. Tghid li kienet ma' Reedeemer fuq il-mutur u qaltlu biex jieqfu ghaliex kienet rat lil Noel pero Noel ma kienx ra lilhom u baqa' diehel go fihom. Tghid li hija qabzet minn fuq il-mutur waqt li Redeemer ha d-daqqa. Tghid li griehi kbar ma kellhiex izda Redemmer kellu. Huma kienu hergin normali waqt li Muscat kien diehel fl-istess triq. Hemm bicca kantuniera u tghid li Muscat ma rahomx. Tghid li hadd minnhom ma kien *wrong side.*

**Redeemer Vassallo** xehed nhar is-6 ta Marzu 2023 u jghid li ma jiftakarx il-jum meta kien involut f'incident pero jiftakar li kien hiereg minn Triq San Pawl Bormla u mieghu kellu rikeb lil Tiziana Attard. Dak il-hin l-imputat illum appellant Noel Muscat kien diehel fl-istess triq bil-karozza u ma rahomx. Jikkonferma li t-tfajla tieghu kienet gja qaltlu biex jieqaf u dahlu f'xulxin. Din hija triq wiesgha jidhlu u johorgu minnha. Qal li pero huwa thallas ghas-sald u tad-danni li sofra u m'ghandux interess ikompli bil-proceduri odjerni.

**Noel Muscat minn jeddu u b'mod volontarju** xehed nhar is-6 ta' Marzu 2023 u jikkonferma li kien diehel fi triq u ma rax il-mutur l-iehor hiereg mit-triq u f'hin minnhom ra persuna fuq il-bonnet.

---

[3] Dok A fol. 18 ta' l-atti
[4] Fol. 30 ta' l-atti

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-appellant jinterponi appell biss fir-rigward tar-raba' akkuza fejn l-ewwel Qorti sabitu hati talli saq il-vettura tieghu numru ta' registrazzjoni BBR 335 meta ma kienx kopert bi polza ta' sigurta dwar ir-riskji ta' terzi persuni l-appellant isisotni fir-rikors tieghu li huwa kien assigurat fil-hin tal-incident kif jirrizulta mid-dokument mmarkat bhala dok ASD1 esebit mar-rikors promotur. Kif inghad supra dan id-dokument ma hux ser isib soljev quddiem din il-Qorti stante li ma giex esebit skond il-procedura legali u konsegwentement ma jistax jikkostitwixxi stat. Illi r-reat ta' sewqan bla polza ta' assikruazzjoni hija dik prospettata fl-artikolu 3 tal-kap 104 tal-ligijiet ta' Malta.

lli kif gustament irrileva l-abbli difensur tal-imputat ghal xi zmien kien hemm sentenzi kunfliggenti fuq dan il-punt fis-sens li mentri fil-gurisprudenza prevalenti kienet stabbilita' l-prezunzjoni li persuna li m'ghadhiex licenzja ghas-sewqan m'hiex koperta b'polza ta' assigurazzjoni[5], f'xi sentenzi ohra, bhal per ezempju **Pulizija vs Charles Galea**[6] gie deciz li una volta li jkun hemm polza ta' assigurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni, jekk ikun hemm xi responsabbilta' ghal dejn civili, din tigi rizarcita mill-assikurazzjoni, sakemm ma jirrikorrux xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi elenkati fis-subartikolu (2) u (3), anki meta l-assikuratur ikollu dritt jannulla jew ihassar il-polza, ghaliex, per ezempju, d-driver ma jkollux licenzja. Imma hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li ma jkunx hemm din il-kopertura minnhabba xi cirkostanza indikata fis-subartikolu (2), (3), u sakemm din il-prova ma ssirx minnha, tibqa' l-prezunzjoni li hemm il-kopertura tal-polza kontra r-riskji ta' terzi persuni kif tipprovdi l-ligi fis-subartikolu (1) fuq citat. Fejn ikun jidher prima facie ghall-prosekuzzjoni minn verifiki preliminari mal-Awtorita' Dwar it-Trasport li l-vettura involuta fil-kaz tkun licenzjata biex tkun fit-triq u allura, bis-sistema amministrattiva prevalenti llum, necessarjament koperta b' polza ta' assikurazzjoni, jibqa' dejjem jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li, jekk trid, tipprova li l-kaz tad-driver li ma jkunx licenzjat ma jkunx kopert skond il-polza vigenti. Invece fejn dan ma jkunx il-kaz u anki l-karozza ma tkunx licenzjata ghat-triq u allura possibilment ukoll ma tkunx koperta b'polza, tiskatta l-prezunzjoni kontenuta fl-artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 li titfa' l-oneru li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni mahruga taht l-artikolu 4(4) tal-Ordinanza fuq il-persuna akkuzata.

[5] Pulizija vs Krista Cassar Appell Kriminali deciz 19.09.2006 u l-guurisprudenza hemm kwotata.
[6]Appell Kriminali deciz 7 ta' Mejju 2007.

Illi pero dan il-kunflitt gie rizolt permezz ta′ sentenzi ricenti.

Il-Qorti tal-Apell Kriminli f′sentenza mghotija fl-4 ta′ Frar 2011[7] qalet hekk, anke b′referenza diretta ghas-sentenza hawn fuq kwotata:

Ghar-rigward tal-imputazzjoni dwar sewqan mill-imputat meta ma kienx kopert b′polza tal-assikurazzjoni kontra riskji ta′ terzi persuni, il-prova li l-imputat kien hekk kopert tali polza kienet tispetta lill-imputat ghat-tenur ta′l-artikolu 3(1A). Din il-Qorti ma taqbilx mad-distinsjonijiet li saru fis-sentenzi **Pulizija vs Charles Galea**[8] u ohrajn dwar meta tiskatta l-prezunzjoni fis-subartikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 huwa car u inekwivoku fil-portata tieghu: il-prezunzjoni in kwistjoni tiskatta kull meta min jigi akkuzat b′reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta′ l-assigurazzjoni mahrug taht l-artikolu 4(4) tal-Kapitolu 104. Din id-dispozizzjoni ma thalli lok ghall-ebda interpretazzjoni. Qatt ma kien hemm xi htiega li jsir xi sforzi biex id-dispozizzjoni tal-artikolu 3(1A) tigi rikonciljata permezz ta′ process ta′ interpretazzjoni mad-dispozizzjoni tal-artikolu 10(1) tal-istess Kapitolu 104 ghaliex iz-zewg dispozizzjonijiet jirregolaw sitwazzjonijiet differenti. L-artikolu 3(1A) jirregola x′jigri f′proceduri kriminali ghal reat taht l-artikolu 3(1) mentri l-artikolu 10(1) tal-istess Kapitolu jirregola r-rizarciment mill-assikurazzjoni ghal xi responsabbilta′ ghal dejn civili li ghandha tkun koperta minn polza ta′ assikurazzjoni. B′dak kollu li hemm fl-artikolu 10(1) tal-Kapitolu 104 il-pozizzjoni li hemm fl-artikolu 3(1A) tibqa′ mhux mittiefsa u cioe′ li fil-proceduri kriminali ghal reat taht l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 kemm il-darba l-imputat ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta′ l-assigurazzjoni mahrug taht l-artikolu 4(4) jigi prezunt li ma kienx hemm polza ta′ assigurazzjoni fis-sehh skond kif mehtieg f′l-artikolu 3(1) imsemmi.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tissottolinea ukoll li dak li huwa projbit permezz ta′ l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 mhux sewqan ta′ vettura li ma tkunx koperta b′polza ta′ assigurazzjoni imma sewqan ta′ vettura minn persuna kemm il-darba ghall-uzu minn dik il-persuna ma jkunx hemm fis-sehh polza ta′ assikurazzjoni.

---

[7] Pulizija vs Andre Apap, ( vide aktar ricenti Il-Pulizija (Spettur Nicholas Vella) vs. Moira Micallef deciza 28 ta Marzu 2023, IL-Pulijza (Spettur Nicholas Vella) Vs Mohammed Knaan deciza 7 ta Frar 2023)
[8] Appell Kriminali deciz 7 ta' Mejju 2007.

Illi l-imputat ma ressaq l-ebda prova biex jikkonferma il-hrug ta' polza ta' sigurta li tkoprih; minn-naha l-ohra l-prosekuzzjoni gabet prova li l-imputat ma kellux licenzja ta' sewqan permezz tax-xhud Stephen. Kien jispetta lid-difiza minhabba l-presunzjoni *iuris tantum* stabilit mill-ligi li jipprova ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li huwa kien kopert bi polza ta' sigurta. Haga li ma jirrizultax li saret. Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi respint.

Ghalhekk din il-Qorti qeda tikkonferma l-ewwel sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u tikkonfermaha fl-intier taghha kemm fir-rigward tal-mertu u anke fir-rigward tal-piena imposta. Tikkonferma ukoll in-nuqqas ta' seba punti mill-licenzjia tieghu tas-sewqan u tiskwalifiha mill-licenzji tieghu kollha ghal zmien sena mill illum.

**Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tat-Transport Malta sabiex jigbor il-licenzja tal-appellant.**

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**